Kollegi,

Sur Prim'Imhallef, it-tradizzjoni tilob li bhala l-President tal-Kamra tal-Avukati nindirizzak f'din l-okkazjoni tal-ftuh tas-sena forense fil-prezenza ta' tant persuni distinti. Din hija l-139 darba li gie celebrat il-ftuh tas-sena forense kemm ilha li twaqqfet il-Kamra tal-Avukati. Is-sena d-diehla nicclebraw il-140 sena mit-twaqqif tal-Kamra taghna permezz ta' l-ewwel statut li gie approvat fit-18 ta' Jannar 1878.

Din hija okkazjoni li sservi sabiex filwaqt li naghtu daqqa t'ghajn lejn dak li laqatna b'xi mod jew iehor matul l-ahhar sena forense, tatina l-opportunita' nharsu l-quddiem u nesternaw xi hsiebijiet.

Din hija l-ahhar darba li inti ser tippresjedi dina l-okkazjoni billi bhal dan iz-zmien sena inti ser tkun irtirajt. Nixtieq nistqarr pubblikament kemm apprezzajt nahdem fil-qrib mieghek tul dawn l-ahhar tlett snin u kemm apprezzajt is-sens ta' bilanc fil-gudizzju tieghek u kemm kienu siewja il-pariri tieghek; izda dwar dan ikolli okkazjoni nitkellem meta jasal iz-zmien jekk Alla jrid, f'April li gej.

Xtaqt qabel xejn niehu l-okkazjoni sabiex insellem il-memorja ta' l-Imhallef Frank Camilleri li halliena xar u nofs ilu fl-eta' ta' 82 sena u ta' l-Imhallef Saviour Demicoli. Kienu gentlomi ezemplari; persuni ta' integrita' indubbja u li kienu mahbuba u rispettati minn kull min kien jafhom.

Niehu dina l-okkazjoni wkoll sabiex insellem lil Prim'Imhallef Emeritus Vincent Degaetano li ghadu kemm irtira bl-eta' bhala imhallef ta' Malta, mentri ghandu sentejn ohra jservi bhala Imhallef fil-Qorti tal-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa.

L-imhallef Degaetano ghamel xoghol siewi hafna mal-istudenti tal-ligi, u nirringrazzjah tal-legat impressjonanti ta' gurisprudenza li huwa hall ghall-posterita' . Ghamlilna unur mhux biss bhala Prim'Imhallef izda wkoll bhala imhallef l-Ewropa fejn qed jaqdi l-inkariku b'dignita' u b'rettezza ezemplari.

* Is-sena li ghaddiet *

Sur President, huwa dmir taghna, l-protagonisti tas-sistema gudizzjarja, li naghmlu hilitna sabiex nibnu fuq dak li writna u nahdmu flimkien sabiex ntejjbu s-sistema

gudizzjarju. Il-pubbliku bir-ragun, jippretendi dejjem aktar minna. Ahna l-avukati wkoll nippretendu iktar kemm minn xulxin u kif ukoll nippretendu dejjem aktar mill-amministrazzjoni. Dak li kien jghodd, jew "jghaddi", fil-passat mhux necessarjamnent ghadu jghodd, jew jghaddi, ghaz-zmienijiet tal-llum. Huwa ghalhekk li f'okkazjoni bhal din naghmlu xi kritika jew suggerimenti.

Din is-sena li ghaddiet ma tantx kienet wahda li fiha rajna xi zviluppi li ghandhom jigu mfakkra (specjalment meta mqabbla mas-sena precedenti fejn rajna tibdil kostituzzjonali ta' rilevanza kbira). Kienet sena ta'elezzjoni generali u b'hekk din is-sena li ghaddiet kienet aktar karatterizzata minn kuntrasti politici fejn oltre il-partit tellief, gew midruba xi istituzzjonijiet importanti ghat-tmexxija tal-pajjiz.

Ghalhekk kien pass f'waqtu tal-Ministru ghall-Gustizzja li ftit tal-gimghat ilu ressaq abbozz ta' ligi intiz li jwassal ghal skrutinju fil-hatriet f'certi entitajiet tal-Gvern. Dan huwa pass tajjeb fid-direzzjoni ta' governanza ahjar li lilna l-avukati jolqotna mill-qrib.

La qed insemmi l-Elezzjoni Generali xtaqt niehu l-opportunita' li insellem pubblikament lil kollegi li gew eletti fil-Parlament u b'mod partikolari dawk li gew mahtura biex iservu fl-Ezekuttiv. Aktar minn 25% tal-membri parlamentari huma avukati. Percentwali gholi hafna. Jiena ghandi stima kbira lejhom ghalhiex napprezza, forsi aktar minn haddiehor, l-impenn, id-dedikazzjoni u s-sagrificcju personali li huwa rikjest f'din is-sejha. Nawguralhom li anke f'din il-kariga izommu gholi l-isem tal-avukati. Xtaqt nawgura wkoll lill-Avukat Adrian Delia li inhatar kap gdid tal-Partit tal-Opposizzjoni.

Matul dina s-sena il-Kamra tal-Avukati approvat Statut rivedut u saru l-elezzjonijiet ghal kumitat gdid ghat-tlett snin li gejjin. Nawgura li l-membri jkomplu jservu bl-istess dedikazzjoni u impenn bhas-snin li ghaddew.

* Kumitat Dwar Hatriet tal-Gudikatura *

L-ewwel hsieb li xtaqt naqsam maghkom illum huwa dwar il-funzjonament tal Kumitat Dwar Hatriet tal-Gudikatura. Infakkar li wara li ahna l-avukati ghamilna kampanja dwar il-htiega ta' bidla fil-metodu tal-hatra tal-membri tal-gudikatura, is-sena l-ohra irrikonoxxejna li l-Gvern, bi qbil mal-oppozizzjoni, introduca permezz ta' tibdil fil-

kostituzzjoni, sistema li xi ftit jew wisq torbot idejn l-Ezekuttiv fil-hatra ta' membri tal-gudikatura.

Dan qisnieh pass fid-direzzjoni t-tajba, izda mill-ewwel ghadna li ma kienx bizzejjed. *A contrario* ghall-percezzjoni popolari, Il-Kumitat Dwar Hatriet fil-Gudikatura imwaqqaf skont il-kostituzzjoni ma jiddeciedix min ghandu jinhatar gudikant izda fl-ahjar ipotesi jista, u dan sa certu punt, jimblokka min fil-fehma tieghu m'ghandux il-kwalifici biex jigi mahtur. Jaghmel evalwazzjoni tal-idonjeta' ta' min jesprimi interess li jinhatar mill-Ezekuttiv u jassikura li applikant jissodisfa l-kriterji ta' kompetenza u eligibilita'. Ir-responsabilita' tal-hatra baqghet ghal kollox f'idejn il-Gvern tal-gurnata. Kif ghedna dan mhux bizzejjed.

Wiehed mid-difetti tas sistema li jista jigi facilment indirizzat hu li l-espressjoni ta' interess tibda ssir f'kuntest ta' sejha ghal xi post jew postijiet battala. B'hekk tista ssir xi tip ta' gradwatorja ta' min jigi meqjus li issodisfa l-kriterji ta' eligibilita' u kompetenza. Frankament, kif inhi s-sistema llum l-Ministru u l-kabinett li ser jiddeciedi dwar il-hatra mhux qed jiehu l-beneficcju ta' parir ta' min ikun ghamel l-evalwazzjoni. Kull ma ghandu huwa biss *nihil obstat* tal-kumitat. Inoltre fil-fehma taghna dan is-sistema igerrex lil min jista jkun interessat u kapaci u li jibza li ser jippartecipa f'process inutili ghalhiex fl-ahhar mill-ahhar il-Gvern ser jiddeciedi fuq kriterji mhux strettament bazati fuq kompetenza. Naturalment dan huwa biss wiehed minn-nuqqasijiet ta' dina l-emenda kostituzzjonali. Hemm ohrajn.

* Kumitat Ghall-Avukati *

It-tieni punt li xtaqt insemmi huwa dwar il-tmexxija tal-Kumitat ghall-Avukati imwaqqaf fi hdan il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Kull ma jmur, ix-xoghol ta' dan il-kumitat li jezercita' dixxiplina fuq membri tal-professjoni legali huwa nieqes serjament minn rizorsi bazici sabiex iwettaq xoghlu b'efficjenza. Jidholli s-suspett li qed jigi sottovalutat ir-rwol hekk importanti ta' dan il-kumitat u ghalhekk l-awtoritajiet qed jonqsu li jipprovdulu r-rizorsi mehtiega. In-numru tal-ilmenti kontra avukati zdied mhux tant minhabba z-zieda sostanzjali fin-numru ta'avukati prattikanti izda ghax kull ma jmur sar hemm gharfien akbar tal-ezistenza u tal-poteri ta' dan il-kumitat. Mhux biss, izda fin-nuqqas ta' ligi li tirregola l-professjoni legali

dan il-Kumitat huwa prattikament l-uniku tarka ghac-cittadin kontra l-ksur tal-etika professjonali. Ghalhekk ukoll huwa ghajb li dan m'ghandux il-mezzi biex jahdem b'mod efficjenti b'hekk minnflok iservi ta' gid ghac-cittadin, qed ta' spiss jaghti lok ghall-frustrazzjoni ta' min iressaq ilment u tal-avukat li kontra tieghu sar l-ilment. B'hekk issir aktar hsara milli gid.

Fl-istess waqt nixtieq nirringrazzja dawk l-avukati membri ta' dan il-kumitat li minkejja kollox, qed jaghmlu xoghol siewi fl-interess tal-professjoni u tal-pubbliku in generali b'sagrificcju personali kbir.

* Ezami tal-Warrant *

It-tielet hsieb li xtaqt naqsam maghkom huwa dwar l-ezami li jwassal biex wiehed jinghata l-permess mill-istat li jezercita l-professjoni ta' avukat. L'hekk imsejjah ezami *tal-warrant*. Tezizti incertezza mal-istudenti tal-ligi, partikolarment dawk li ser jigu ammessi fil-professjoni, dwar l-istruttura tal-ezami. Hemm konfuzjoni shiha fl-imhuh tal-istudenti. Jinhtieg li din tigi indirizzata mill-iktar fis.

Inoltre m'ghadhux jaghmel sens li dan l-ezami ikun unikament marbut mal-prattika fil-Qrati.

L-avukati tal-generazzjoni tieghi kienu kollha jahdmu kwazi esklussivamant fil-qrati. Illum dan m'ghadhux fatt. In-numru tal-avukati li ma jahdmux il-Qorti u li qed jabbraccjaw opportunitajiet ghal avukati f'oqsma differenti u li m'ghandhom ebda interess li qatt jahdmu il-Qorti huwa akbar minn dak tal-avukati li ghandhom il-hsieb li jahdmu fil-qrati. Din hija rejalta' li nifhmuha.

Hawn ukoll ma nixtieqx niftiehem hazin. Huwa assolutament importanti fil-fehma tieghi li kull-avukat ghandu jigi ammess li jezercita l-professjoni wara li jkun wera li huwa kapaci jezercita l-professjoni permezz ta' ezami. L-ezami tal-warrant li ghandu jissottometti ruhu kull avukat m'ghandux jinkludi biss procedura izda, doza qawwijja ta' etika li hija komuni ghall-avukati kollha, kemm dawk li jahdmu l-Qorti kemm dawk le. L-avukati kollha ghandhom juru li huma affidabbili u li jfhmu r-responsabilta' li tkun avukat. Ghad irid jasal zmien fejn avukati ghandhom jissottomettu ruhom ghal test psikometriku qabel ma jinghataw il-warrant.

In kwantu il-warrant ghandux jibqa jinghata mill-istat jew le hija kwistjoni ohra li ghad naslu ghaliha wkoll.

* Court Attorneys *

Ir-raba punt li xtaqt nigbed l-attenzjoni fuqu huwa dwar l-esperiment tal-hatra ta' numru ta' Court Attorneys.

Il-gudizzju taghna, kif diga esprimejnieh, huwa wiehed pozittiv. Naturalment hemm hafna nuqqasijiet x'jista wiehed jindirizza, izda jidher li s-sistema qed tahdem. Nerga ntenni l-appell li kont ghamilt f'okkazjoni ohra, anzi ninsisti li dawn il-hatriet ghandhom jibdew isiru wara skrutinju li jsir mill-Kumitat Dwar Hatriet ghall-Gudikatura. Filwaqt li huwa minnu li s-sentenza finali hija dejjem tal-imhallef, nahseb li nkunu ingenwi jekk nissottovalutaw ir-rwol determinanti ta' min ikun kiteb l-abbozz ta' sentenza. Mhux biss il-principji ta' indipendenza u imparzjalita' li jinkwetawna, izda wkoll konsiderazzjonijiet ta' trasparenza u konflitt ta' interess mhux dikjarat. Wiehed jistaqsi kemm jaghmel sens li tezisti procedura li bih imhallef jigi rekuz izda ma tezistix u ma tistax tezisti tali procedura fil-kaz ta' Court Attorney.

Ghalhekk nissuggerixxi li Court Attorneys m'ghandhomx jibqghu jigi mahtura f'*position of trust* izda ghandhom jigu nominati wara sejha, wara li jigu maghzula minn kumitat ta' ghazla u li jigu sottomessi ghal kodici ta' etika simili ghal dak tal gudikanti li *inter alia* jgeghlhom jiddikjaraw l-interess jew konflitt. L-imhallef li jiddelegalhom l-abbozzar ta' sentenza ghandu jiddikjara minn qabel li sentenza ser tigi abbozzata minn Court Attorney partikolari li ghandu jigi mistieden jattendi ghal trattazzjoni tal-kawza. Dan l-ahhar punt qed naghmlu ghalhiex nahseb li jaghmel aktar sens li oltre l-imhallef li ser jiddeciedi ghandu jkun ukoll l-Court Attorney li ser jhejji l-abbozz li jisma t-trattazzjoni orali.

F'dan il-kuntest xtaqt nerga ntenni l-appell li ghamilt is-sena l-ohra li l-awtoritajiet ghandhom jikkunsidraw li jestendu s-sistema ghal-Qorti tal-Magistrati sabiex jittafilhom xi ftit ix-xoghol li zdied dramatikament biz-zieda fil-kompetenza.

* Esperti tal-Qorti*

~~Il-hames punt.~~ Sur President Is-sena l-ohra tkellimt dwar l-ghazla ta' l-hekk imsejjha esperti mqabbda mill-Qorti. Jiddispjacini ninnota li dwar dan saru xi sforzi zar, zar hafna,

u li taw rizultati neglibbibili. Hawn ukoll jghaddili l-hsieb li l-kobor u s-serjeta' tal-problema mhux apprezzat. Nerga inheggeg lid-Dipartiment tal-Gustizzja sabiex jaghmel sforz sabiex jaghmel lista ta' esperti veri bil-kwalifiki taghhom li tkun miftuha ghal-iskrutinju u nappella lill-Magistrati b'mod partikolari, sabiex jappuntaw esperti a bazi ta' hila u kapacita' iktar milli a bazi ta' kemm l-individwi jaqduhom.

*Qrati Specjalizzati *

Is-sitt hsieb li xtaqt naqsam maghkom huwa dwar ghandhomx jitwaqqfu aktar qrati specjalizzati. L-esperiment ta' Qorti li tiehu konjizzjoni ta' kawzi tal-kumpaniji presjeduta mill-Imhallef Zammit McKeon jidher li qed jirnexxi u qed jintlaqa tajjeb.

Bl-izvilupp ta' ligijiet li jirrikjedu specjalizazzjoni akbar mill-avukati, jidher li l-ispecjalizzazzjoni hija rikjesta anke fuq il-bank tal-gudikatura. Napprezza li hemmm diversi argomenti kontra dan il-hsieb, izda mehud kollox in konsiderazjoni hija l-fehma taghna li b'hekk l-gudikanti ikollhom aktar motivazzjoni li jispecjalizzaw f'certi oqsma. Din hija diskussjoni li nixtieqe li tinbeda u tigi zviluppata.

* Ligi li tirregola l-Professjoni legali *

Sur President Issa nixtieq nitkellem fuq il-materja li fil-fehma taghna (mill-punto di visa taghna) hija l-aktar importanti u pressanti. Qed nirreferi naturalment ghas-saga tal-ligi li tirregola l-professjoni legali (l-Lawyers' Act). Issa ilhaqna livelli kwazi imbarazzanti. Imbarazzanti mhux tant ghall-avukati li qed naghmlu minn kollox biex din issir, izda imbarazzanti ghall-Ministru tal-Gustizzja in partikolari u l-amministrazzjoni tal-pajjiz in generali li minkejja l-weghdiet naqset minn dmirijieta. Jiena inzertajt ottimist u forsi kontra ghal dak li ilhom jghiduli shabi s'issa ghadni ma qtajtx qalbi li s-sens komun ghad jipprevali. Ilna niddiskutu ghaxar snin. Kien ikun xieraq li nfakkru l-140 anniversarju mit-twaqqif tal-Kamra tal-Avukati bl-introduzzjoni ta' din il-ligi.

Ikun tajjeb li l-kollega taghna l-Ministru tal-Gustizzja jiehu nota ta' dina d-data u forsi ma tafx kif jissorprendina, ghalhiex ghadni nittama li jista jaghmel sforz akbar biex jikkonvinci 'l-shabu tal-kabinett li dina hija ligi verament mehtiega.

Ma nixtieqx nigi mizinterpretat. Dan mhux diskors ta' President rassenjat jew ta' Kumitat li qata qalbu. Altro che. Il-Kamra tal-Avukati mhix ser tieqaf hawn. Bl-istess mod kif il-Kamra tal-Avukati hadet l-inizjattiva u waslet biex tiffinalizza l-lista kompleta ta' avukati li ghandhom dritt jipprattikaw f'Malta, [Infakkar li sal-llum ma jezistix Albo tal-Avukati – jigifieri lista ufficjali ta' avukati li ghandhom dritt jezercitaw il-professjoni ta' avukat. B'hekk ghall-ewwel darba il-pubbliku ikun jista jkun jaf min u min mhux intitolat jezercita l-professjoni ta' avukat] hekk ukoll ahna fid-dmir u ser niehdu l-inizjattiva u, fil-parametri tal-poteri taghna, niehdu dawk il-mizuri li jidhrilna mehtiega sabiex il-professjoni legali tigi regolata ahjar; ghalhiex Sur President kontra dak li jahsbu xi whud, huwa fl-interess ta' professjoni serja li l-professjoni legali tigi regolata tajjeb, mentri huwa fl-interess ta' min mhux serju li dan ma jsehhx. Dak li kien jghodd, jew "jghaddi", fil-passat m'ghadux jghodd, jew jghaddi llum.

Ghalhekk qed inhabbar li b'decizjoni tal-Kumitat il-gdid tal-Kamra tal-Avukati, fix-xhur li gejjin ser nibdew nimplimentaw gradwalment numru ta' mizuri mahsuba fl-abbozz maqbul tal-ligi sabiex ninkluduhom bhala kriterji ghas-shubija fil-Kamra tal-Avukati. Dan ifisser li membru tal-Kamra tal-Avukati ser ikun marbut li josserva regoli li tiddecidhom il-Kamra tal-Avukati fl-interess tal-professjoni kollha. Il-konsegwenza ta' xi nuqqas serju jista jwassal ghas-sospensjoni mis-shubija. Infakkar li l-Kamra tal-Avukati ta spiss tigi mitluba tikkonferma li avukat huwa membru taghha u li huwa awtorizzat jezercita l-professjoni ta' avukat f'Malta. Naturalment dan ic-certifikat ma jinghatax lil min mhux membru.

Sur President ahna irridu li mill-llum il-quddiem l-warrant ma jibqax l-uniku kwalifika ghas-shubija fil-Kamra tal-Avukati. Nemmnu li membru ghandu jkompli jissodisfa certi kriterji tul il-karriera tieghu. Dan mhux necessarjament ser jirrendina aktar popolari mal-avukati kollha u lanqas necessarjament m'hu ser izid in-numru tal-membri taghna, izda nittama li ser ifisser li min ikun membru tal-Kamra tal-Avukati ser ikun jista jiftahar li huwa avukat socju f'ghaqda serja, li huwa marbut b'certi regoli li min mhux membru m'huwiex marbut bihom. L-uniku ghan taghna huwa li fin-nuqqas ta' impenn tal-Gvern, ngorru l-piz ahna u r-regolamentazzjoni naghmluha ahna. B'hekk inkunu nistghu nezercitaw ftit kontroll fuq il-ftit li jaghtu isem hazin lill-professjoni u li l-aktar m'ghandhomx interess fir-regolamentazzjoni.

Dan li ghadni kemm habbart nittama li ghandu jikkontribwixxi sabiex l-avukatura f'Malta dejjem issir aktar serja u professjonali u li ngibuha fl-istess livelli tal-kollegi taghna fl-Ewropa.

Naturalment din mhix it-triq preferita taghna billi min ma jkunx membru ma jkunx marbut bl-istess standards tal-membri tal-Kamra. U Sur President lanqas ma huwa koncepibbili li l-avukati kollha ma jkunux imsiehba bil-ligi fil-"bar" taghhom kif inhu fl-Ewropa kollha u fil-pajjizi avvanzati kollha.

* Konkluzjoni *

Sur President, ahna fid-dover li flimkien naghmlu hilitna sabiex dejjem jghola r-rispett fl-istituzzjoni taghna. Il-livell ta' demokrazija u civilta' ta' pajjiz huwa meqjus ukoll bil-grad ta' rispett li ngawdu ahna migburin hawn illum. Kull ma naghmlu, kull wiehed skont il-pozizzjoni li jokkupa, u fil-limiti tal-poteri fdati lilu, ghandu jwassal sabiex dak ir-rispett jikber u jissahhah.

L-awgurju tieghi hu li matul dina is-sena forense naghmlu dak li nistghu sabiex jkompli jitkabbar dan ir-rispett.

Illum 3 ta' Ottubru 2017

George Hyzler
President
Kamra tal-Avukati